



STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA Nru 103/26

Il-Lussemburgu, 14 ta' Lulju 2026

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-Kawża C-474/24 | NADA Austria et

Il-pubblikazzjoni online tal-ismijiet tal-isportivi professjonali li jkunu kisru r-regoli antidoping tista' tkun kompatibbli mad-dritt tal-Unjoni

Madankollu, għandu jkun possibbli li jiġu bbilanċjati l-interessi inkwistjoni qabel il-pubblikazzjoni

Il-Qorti tal-Ġustizzja tippreċiża li l-Istati Membri jistgħu, bħala prinċipju, jipprevedu publikazzjoni fuq l-internet tal-ismijiet tal-isportivi professjonali li jkunu kisru r-regoli antidoping, tat-tul tal-projbizzjoni imposta fuqhom u tar-raġunijiet għaliha. Madankollu, tali leġiżlazzjoni għandha tirrispetta r-Regolament ġenerali dwar il-protezzjoni tad-data. Minn dan isegwi b'mod partikolari li l-entità inkarigata mill-pubblikazzjoni għandha tkun tista' tibbilanċja l-interessi inkwistjoni qabel il-pubblikazzjoni. Barra minn hekk, il-pubblikazzjoni għandha tosserva l-prinċipju ta' proporzjonalità, b'mod partikolari fir-rigward tat-tul tagħha. Barra minn hekk, sportiv ikkonċernat għandu jkun jista' jressaq b'mod preventiv ilment quddiem l-awtorità kompetenti għall-protezzjoni tad-data meta jkun hemm indizji konkreti li publikazzjoni li tikkonċernah hija imminenti jew ser issejtni f'futur qarib.

Il-Kumitat Legali tal-Antidoping Awstrijak (ÖADR) u l-Kumitat tal-Arbitraġġ Indipendenti (USK) ¹ ipprojbixxew lil erba' atleti milli jipparteċipaw f'kompetizzjonijiet nazzjonali u internazzjonali għal perijodu determinat jew għal dejjem, minħabba ksur tar-regoli antidoping.

Skont il-leġiżlazzjoni Awstrijaka, tali projbizzjonijiet huma ppubblikati ² fis-sit internet tal-Aġenzija Antidoping Awstrijaka (NADA Austria). Din il-pubblikazzjoni għandha tinkludi l-isem u l-kunjom tal-isportiv ikkonċernat, id-dixxiplina sportiva pprattikata, il-ksur tar-regoli antidoping imwettaq, is-sanzjoni imposta kif ukoll il-bidu u t-tmiem tagħha. L-ÖADR jippubblika wkoll din id-data, kif ukoll l-isem tas-sustanza pprojbita eventwalment inkwistjoni, fis-sit internet tiegħu stess.

L-erba' atleti jikkontestaw ³ quddiem il-Qorti Amministrattiva Federali Awstrijaka l-fatt li isimhom u l-isports ikkonċernati huma ppubblikati fis-siti internet inkwistjoni. Huma jqisu b'mod partikolari li l-informazzjoni ppubblikata taqa' taħt il-kunċett ta' "data dwar is-saħħa", li l-ipproċessar tagħha huwa bħala prinċipju pprojbit, kif ukoll ta' data personali relatata ma' kundanni kriminali u reati, li l-ipproċessar tagħha jista' jsir biss bħala prinċipju taħt il-kontroll tal-awtorità pubblika. Barra minn hekk, huma jsostnu li s-sistema indifferenzjata ta' publikazzjoni prevista fl-Awstrija hija inkompatibbli mar-Regolament ġenerali dwar il-protezzjoni tad-data (GDPR) ⁴. Il-Qorti Amministrattiva Federali staqsiet ⁵ lill-Qorti tal-Ġustizzja dwar dan is-suġġett.

Il-Qorti tal-Ġustizzja tirrispondi qabelxejn li l-informazzjoni ppubblikata **ma taqax, bħala prinċipju, taħt il-kunċett ta' "data dwar is-saħħa", ħlief jekk l-isem jew il-kategorija tas-sustanza jew tal-metodu pprojbit ikkonċernat mill-imsemmi ksur jissemma fil-pubblikazzjoni u sakemm din l-indikazzjoni, flimkien ma' informazzjoni oħra** dwar is-suġġett tad-data, **tkun ta' natura li tiżvela**, anki b'mod indirett, permezz ta' proċess intellettuali ta' approssimazzjoni jew ta' deduzzjoni, **informazzjoni dwar l-istat ta' saħħa fiżika jew mentali passat, preżenti jew futur ta' din il-persuna.**

Sussegwentement, il-Qorti tal-Ġustizzja tirrispondi li d-data personali relatata mar-reati previsti minn leġiżlazzjoni nazzjonali antidoping u mas-sanzjonijiet mogħtija għal tali reati **ma tikkostitwixxix data personali relatata ma' kundanni kriminali u reati.** Fil-fatt, dawn ir-reati u dawn is-sanzjonijiet jirrigwardaw biss grupp partikolari ta' persuni, jiġifieri l-isportivi, bħas-sanzjonijiet dixxiplinari li għandhom l-għan li jiżguraw l-osservanza, mill-membri ta' grupp, ta'

regoli ta' aġir speċifiċi għalih.

Fl-aħħar nett, il-Qorti tal-Ġustizzja tirrispondi li **I-GDPR**⁶ ma jipprekludix bħala prinċipju pubblikazzjoni fuq l-internet tal-ismijiet tal-isportivi professjonali li jkunu kisru r-regoli antidoping, tat-tul tal-projbizzjoni li tkun ġiet imposta fuqhom u tar-raġunijiet għaliha.

Il-ġlieda kontra d-doping, li l-għan tagħha huwa li tippreżerva l-iżvolġiment leali, integru u oġġettiv tal-kompetizzjoni sportiva, tiżgura l-ugwaljanza tal-opportunitajiet bejn l-atleti, tipproteġi s-saħħa tagħhom u tiżgura l-osservanza tal-valuri etiċi fl-isport, **tikkostitwixxi għan ta' interess ġenerali**.

Il-pubblikazzjoni tal-ksur tar-regoli antidoping **hija xierqa sabiex tikkontribwixxi** għat-twettiq ta' dan l-għan, billi tikkontribwixxi **għad-dissważjoni, għall-prevenzjoni u għall-effettività tas-sanzjonijiet**.

Barra minn hekk, il-pubblikazzjoni lil hinn minn ċirku ristrett ta' persuni ma tidhirx li tmur lil hinn minn dak li huwa neċessarju sabiex jintlaħaq l-imsemmi għan u b'mod partikolari sabiex jiġu informati l-persuni li huma affettwati indirettament mis-sanzjoni u li l-interessi tagħhom jiġu affettwati minnha, bħalma huma l-persuni li jimpjegaw jew jisponsorjaw lill-isportiv issanzjonat, kemm attwali kif ukoll potenzjali.

Madankollu, l-entità inkarigata mill-pubblikazzjoni għandha tkun tista', **qabel il-pubblikazzjoni**, twettaq **ibbilanċjar individwali tal-interessi** inkwistjoni sabiex tiżgura li l-imsemmija pubblikazzjoni ssir b'mod konformi mal-GDPR u b'mod partikolari mal-prinċipju ta' proporzjonalità⁷.

Barra minn hekk, sportiv ikkonċernat għandu jkun jista' jressaq **ilment** quddiem l-awtorità kompetenti għall-protezzjoni tad-data b'mod **preventiv** meta jkunu jeżistu indizji konkreti li pubblikazzjoni li tikkonċernah hija imminenti jew ser isseħħ f'futur qarib.

NOTA: Ir-rinviju għal deċiżjoni preliminari jippermetti lill-qorti tal-Istati Membri, fil-kuntest ta' tilwima li jkollhom quddiemhom, jagħmlu lill-Qorti tal-Ġustizzja domandi dwar l-interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni jew dwar il-validità ta' att tal-Unjoni. Il-Qorti tal-Ġustizzja ma taqtax il-kawża nazzjonali. Hija l-qorti nazzjonali li għandha tagħti soluzzjoni għall-kawża li jkollha quddiemha konformement mad-deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja. Din id-deċiżjoni torbot, bl-istess mod, lill-qorti nazzjonali l-oħra li jkunu aditi bi problema simili.

Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.

It-[test sħiħ](#), u [fejn applikabbli, is-sunt](#) tas-sentenza jinsab fis-sit CURIA mill-jum li fih tingħata s-sentenza.

Kuntatt għall-istampa: Jacques René Zammit ☎ (+352) 4303 3355

Ritratti tal-għoti tas-sentenza huma disponibbli fuq "[Europe by Satellite](#)" ☎ (+32) 2 2964106

Ibqgħu konnessi!



¹ L-USK huwa kompetenti sabiex jeżamina mill-ġdid id-deċiżjonijiet tal-ÖADR.

² Hemm previsti eċċezzjonijiet għall-isportivi diletanti, għall-persuni partikolarment vulnerabbli u għall-"whistleblowers".

³ Wara li t-talbiet tagħhom indirizzati lil NADA Austria u lill-ÖADR kif ukoll l-ilmenti li sussegwentement ressqu quddiem l-Awtorità Awstrijaka għall-Protezzjoni tad-Data baqgħu mingħajr suċċess. Din tal-aħħar ċaħdet l-ilmenti ta' tlieta mill-erba' atleti bħala infondati. Hija ċaħdet l-ilment tar-raba' atleta minħabba nuqqas ta' interess ġuridiku, għar-raġuni li d-data tagħha kienet għadha ma ġietx ippubblikata.

⁴ [Regolament \(UE\) 2016/679](#) tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data).

⁵ Wara li l-Qorti tal-Ġustizzja kienet ċaħdet bħala inammissibbli talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-USK (ara s-sentenza tas-7 ta' Mejju 2024, NADA et, [C-115/22](#), kif ukoll l-istqarrija għall-istampa [Nru 80/24](#)).

⁶ Li huwa effettivament applikabbli għall-pubblikazzjoni inkwistjoni. B'mod partikolari, din ma taqax taħt l-eċċezzjoni applikabbli għall-ħarsien tas-sigurtà nazzjonali.

⁷ Il-Qorti tal-Ġustizzja tenfasizza, fost oħrajn, li responsabbiltà partikolari hija imposta fuq sportivi ta' livell għoli u li jgawdu minn ċerta notorjetà. Min-naħa l-oħra, pubblikazzjoni bl-isem fuq l-internet tal-informazzjoni inkwistjoni għal perijodu li jeċċedi l-perijodu ta' applikazzjoni tas-sanzjonijiet ikkonċernati ma hijiex proporzjonata, fid-dawl tal-gravità tal-indħil li tali pubblikazzjoni tinvolvi fid-drittijiet fundamentali għar-rispett tal-ħajja privata u għall-protezzjoni tad-data personali.